MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta tat-12 ta' Frar, 2013

Appell Kriminali Numru. 296/2011

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Maria Theresa Zammit**

Il-Qorti,
Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellanti [detentrici tal-karta tal-identita` numru 448667M] quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Fis-27 ta' Novembru, 2010 ghall-habta tas-06:00p.m., fi triq Sant Andrija, Swatar, Msida;

1) Bil-hsieb li ttellef jew tnaqqas il-gieh ta' Paul Vassallo wegghajtu bi kliem, b'gesti, b'kitba, b'disinji jew b'xi mod iehor.
2) Il-Qorti giet mitluba biex tipprovdi ghas-sigurta` ta' Paul Vassallo, jew sabiex jinzamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mall-piena jew minflok il-piena applikabbli ghar-reat, torbot lill-hatija b'obbligazzjoni taghha nnifsha taht penali ta' somma ta' flus.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-14 ta’ Gunju, 2011 fejn il-Qorti illiberat lill-imputata mill-istess akkuzi peress li l-akkuzi kollha ma gewx pruvati sal-grad rikjest mill-Ligi.

Rat ir-rikors tal-Avukat Generali minnu pprezentat fis-6 ta’ Lulju, 2011 fejn talab lil din il-Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti u fic-cirkostanzi tal-kaz tirrimetti s-sentneza moghtija mill-ewwel Qorti u fic-cirkostanzi tal-kaz tirrimetti lura l-atti processwali quddiem l-Ewwel Qorti sabiex jergghu jinbdew jinstemghu il-proceduri kontra l-appellanta jew alternattivament titlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tipprocedi billi tisma` l-provi relevanti ghal kaz odjern u sussegwentement tiddeciedi l-kaz skond il-ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Avukat Generali, huma s-segwenti w cioe':-

Illi fit-23 ta’ Gunju, 2011 l-esponent ircieva l-atti tal-kawza u hassu aggravat bihom in kwantu l-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali jidher illi manifestament ghamlet apprezzament zbaljat tal-ligi proceduraIi stante illi l-proceduri kontra l-appellata gew kondotti u s-sentenza fil-konfront taghha giet moghtija fl-assenza tal-istess appellata.

Illi in oltre mill-atti processwali jidher car illi permezz tal-imsemmija senetenza appellata giet illiberata mill-akkuza addebitata fil-konfront taghha fuq nuqqas ta’ provi u dan meta l-ewwel Qorti ghaddiet biex tippronuncja s-sentenza minghajr ma semghet il-provi rilevanti hekk kif rikjest mill-ligi ai termini tal-artikolu 377 tal-Kodici Kriminali li essenzjalment jipprovdi li l-Qorti ghandha tippronunzja s-sentenza billi tillibera jew tikkundanna l-imputata la darba jinghalaq is-smiegh tal-kawza u mhux meta, bhal ma gara fil-kaz odjern, is-smiegh effettivament ikun lanqas ghadu

beda`. Dan qieghed jinghad il-ghaliex mill-atti processwali jirrizulta illi l-ewwel Qorti ghaddiet biex tippronuncja s-sentenza fl-assenza tal-appellata, permezz ta' liema l-istess appellata giet illiberata mill-akkuza addebitata fil-konfront taghha fuq nuqqas ta' provi minghajr ma kienu nstemghu l-provi tal-prosekuzzjoni (fosthom ix-xhieda ta' Paul Vassallo) u tad-difiza (li setghu jipproducu kieku dawn kienu prezenti ghal proceduri) ai termini tal-istess artikolu hawn fuq citat u cioe` l-artikolu 375(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi ghaldaqstant, l-esponent huwa tal-umli fehma illi s-sentenza moghtija mill-Ewwel Qorti hija nulla. Principalment dan qieghed jinghad in vista tal-fatt illi kuntrajament ghal dak illi jipprovdi l-artikolu 375 tal-Kodici Kriminali l-proceduri quddiem l-ewwel Qorti gew kondotti fl-assenza tal-imputata. Il-prezenza tal-imputat hija xi haga essenzjali fil-proceduri kriminali u dana sakemm ma tapplikax id-disposizzjoni tas-subartikolu 375(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, li jipprovdi illi f'kaz ta' kontravenzjoni il-Qorti tista` ghar-raguni tajba tehles lill-imputata milli tidher hija nfisha u tippermetti minflok li jidhru *r-ragel jew il-mara jew il-qarib, mid-demm jew bi zwieg, ta' dik il-parti, inkella persuna ohra li taht il-hsieb taghha tkun dik il-parti jew li tkun inkarigata minnha bil-miktub.* Illi fil-kaz odjern dan is-subartikolu ma japplikax u dana ghaliex l-appellata kienet akkuzata b'reat u mhux b'kontravenzjoni, gialadarba l-artikolu 252(1) tal-Kap. 9 (a bazi ta' liema artikolu l-appellata giet akkuzata) jipprovdi piena ta' tlett xhur prigunerija – liema tip ta' piena ai termini tal-artikolu 7 tal-Kodici Kriminali hija assocjata ma reat u mhux ma' kontravenzjoni. Ghaldaqstant, la darba dan is-subartikolu 375(b) mhuwiex applikabbli ghall-kaz de quo, l-proceduri quddiem l-ewwel Qorti ma setghu jigu qatt kondotti fl-assenza tal-imputata, kif fil-fatt sar u dana anke jekk wiehed forsi jargument illi l-imputata fl-ahhar mill-ahhar effettivament ma soffriet l-ebda pregudizzju ghax giet illbierata.

Illi l-importanza tal-presenza tal-akkuzat waqt porceduri kriminali fil-konfront tieghu hijea riavvizata fil-Kostituzzjoni ta’ Malta fejn l-artikolu 39(6) tal-istess jipprovdi:

“*Kull min ikun akkuzat b’reat kriminali.. u hlief bil-kunsens tieghu stess il-proceduri ma jistghux jinzammu fl-assenza teighu hlief jekk huwa jgib ruhu hekk li jahgmel it-tkomplija tal-proceduri fil-prezenza tieghu imprattikabbli u l-Qorti tkun ordnat li jigi mwarrab u li l-proceduri jitkomplew fl-assenza tieghu*”.

Illi ghaldaqstant f’dan ir-rigward, l-esponent jemmen bis-shih illi l-principju li l-akkuzat gahndu jkun prezenti ghall-proceduri kriminali fil-konfront tieghu huwa principju t’ordni pubbliku u ghaldaqstant jekk il-proceduri kriminali, inkluz l-ghoti tas-sentenza, jigu kondotti fl-assenza tal-imputat, anke jekk l-istess imputat ikun gie illiberat, bhalma gara fil-kaz odjern, tali proceduri kfi ukoll is-sentenza ma jkunux jiswew u ghaldaqstant ghandhom jigu ddikjarati nulli. Illi dan il-principju huwa riavvizat permezz ta’ diversi sentenzi moghtija minn din l-Onorabbli Qorti fejn inghad illi:

*“Il-htiega li l-imputat jidher huwa nnifsu hija htiega ta’ ordni pubbliku u jekk ma titharisx, twassal ghan-nullita` assoluta tas-sentenza”*

Ikkunsidrat,

L-aggravju tal-Avukat Ġenerali
L-aggravju ewlieni tal-Avukat Ġenerali huwa li l-Ewwel Onorabbli Qorti tat is-sentenza fl-ismijiet ‘Il-Pulizija versus Maria Theresa Zammit’ fl-14 ta’ Ġunju 2011 fl-assenza tal-imputata u lliberata.

Skont il-verbal tal-istess data:

‘Meta ssejħet il-kawża deher l-uffiċjal Prosekutur l-Ispettur Jesmond Micallef. Ġew referti pożittivi tal-imputata u l-parti ċivili li msejħin diversi drabi ma dehrux. Kawża deċiża. Fuq nuqqas ta’ provi liberata.’

L-ewwelnett il-Qorti eżaminat jekk l-Avukat Ġenerali setax jappella jew le minn din is-sentenza skont l-artikolu 413 tal-Kap 9.

L-unika imputazzjoni kontra l-imputata (appellata) taqa' taħt l-artikolu 252(1) tal-Kap 9 li ġġorr magħha piena massima ta' tliet xhur priġunerija jew multa. Għalhekk l-imputazzjoni hija dwar reat li jaqa' fil-kompetenza oriġinali tal-Qorti tal-Maġistrati.

Fil-proċess hemm affidavit ta' PS 778 David Sant. Għalhekk il-prosekuzzjoni kellha diġa' prova li riedet tiġi valutata. Fiċ-ċitazzjoni hemm indikat is-Sur Paul Vassallo bħala xhud. Kien dan l-istess Paul Vassallo li mar jagħmel ir-rapport fl-għassa. Skont dan l-affidavit Paul Vassallo ried li l-appellata tingħata twissija.

M'hemmx dubju li l-Prosekuzzjoni kienet preżenti.

Skont l-artikolu 413(1)(b)(vi) l-Avukat Ġenerali jista' jappella sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati meta :

'(vi) il-Pulizija, jew, skont il-każ, il-kwerelant ma jkunx ġie permess waqt il-kawża li jipproduċi, b'appoġġ għall-akkuża, xi prova indispensabbli li kienet ammissibbli skont il-Liġi.'

Fuq din il-bażi l-Avukat Ġenerali jista' jappella.

Dwar jekk sentenza hix nulla meta tingħata fl-assenza ta' imputat, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk fis-sentenza 'Il-Pulizija versus Gerlad Abdilla' fil-5 ta' Ġunju 1996:

'Ir-rapprezentanza fil-kamp kriminali hi fakolta' moghtija biss fil-kaz ta' kontravvenzjonijiet u mhux ukoll fil-kaz ta' delitti. L-assenza ta' l-imputat meta tinghata sentenza, iggib bhala konsegwenza, l-inezistenza totali, kemm tas-sentenza appellata, kif ukoll tas-smigh tal-kawza li ppreceda u ddetermina dik is-sentenza'[1]

[1] Ara wkoll: 'Il-Pulizija vs Paul Polidano u Carmel Polidano tas-26 t'April, 2006.

L-atti ma jħallu ebda dubju li l-imputata kienet assenti meta nqrat is-sentenza.

Konklużjoni

Għalhekk il-Qorti qed tilqa' l-appell tal-Avukat Ġenerali, qed tħassar u tirrevoka s-sentenza fl-ismijiet premessi mogħtija fl-14 ta' Ġunju 2011 u qed tibgħat l-atti tal-proċess fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Ġudikatura Kriminali biex tisma' l-provi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------